


FORUM TAL-INIZJATTIVA TA?-?ITTADINI EWROPEJ

Kif tabbozza inizjattiva: rekwiżiti legali u pariri prattiċi



LEARN - DISCUSS - CONNECT - SEEK ADVICE

Għaliex din in-nota ta' gwida hija rilevanti għalik

Bħala organizzatur, l-ewwel pass kruċjali biex tagħmel impatt hu li tirreġistra l-inizjattiva tiegħek. Din in-nota ta' gwida tipprovdi suġġerimenti prattiċi dwar kif tiddefinixxi b'mod ċar l-oġettivi tiegħek, tagħmel il-bażi legali t-tajba, u tikkomunika b'mod effettiv il-kawża tiegħek biex tiġbor l-appoġġ li teħtieġ. Meta ssegwi din il-gwida, se tkun mgħammar tajjeb biex tinnaviga l-kumplessitajiet tal-proċess tal-IĊE u ġgħib il-viżjoni tiegħek fil-qalba tat-tfassil tal-politika tal-UE.

Kif tirreġistra l-inizjattiva ta' -?ittadini Ewropej tiegħek

L-inizjattiva ta' -?ittadini Ewropej (IĊE) tagħti liċ-?ittadini tal-UE l-opportunità unika biex ipoġġu l-interessi tagħhom b'mod dirett fil-qalba tat-tfassil tal-politika Ewropea billi jistaqsu lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi leġiżlazzjoni dwar materja fil-kompetenza tagħha. Jekk l-inizjattiva jirnexxilha tiġbor tal-inqas miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tipproponi att legali. Imbagħad tkun tista' tibda l-proċedura leġiżlattiva, li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, jiddeċiedu flimkien (f'ċerti każijiet, jiddeċiedi biss il-Kunsill).

Bħala organizzatur tal-inizjattiva, l-ewwel pass hu li tirreġistra l-inizjattiva proposta tiegħek mal-Kummissjoni.

Il-kundizzjonijiet għar-re?istrazzjoni

Skont ir-Regolament (UE) 2019/788 dwar l-inizjattiva ta' -?ittadini Ewropej (ir-Regolament dwar l-IĊE), l-inizjattiva tiegħek tista' tiġi rreġistrata biss jekk tissodisfa l-erba' kundizzjonijiet li ġejjin:

- Il-grupp ta' organizzaturi ġie ffurmat u nħatru l-persuni ta' kuntatt (rappreżentant 1 u sostitut 1). Għandek ukoll l-għażla li toħloq entità ġuridika speċifikament għall-fini tal-ġestjoni tal-

inizjattiva. F'dan il-każ, ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi jrid ikollu mandat biex jaġixxi f'isem l-entità ġuridika;

- L-ebda parti mill-partijiet tal-inizjattiva proposta ma taqa' manifestament barra mill-ambitu tas-setgħat tal-Kummissjoni Ewropea li tipproponi att legali tal-Unjoni għall-fini ta' implimentazzjoni tat-Trattati;
- L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja;
- L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-UE kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi kif ukoll il-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel) u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Staqsijiet lill-esperti tagħna jekk għandek xi dubji dwar l-inizjattiva tiegħek! (https://citizens-initiative-forum.europa.eu/ask-expert_mt)

Kif to'loq kont tal-organizzatur

Biex titlob ir-reġistrazzjoni tal-inizjattiva tiegħek, trid to'loq kont tal-organizzatur. Dan il-kont jippermettilek tissottometti t-talba tiegħek għar-reġistrazzjoni u, wara r-reġistrazzjoni, timmaniġġja l-passi sussegwenti tal-inizjattiva tiegħek.

Tinsiex! Il-kont tal-organizzatur irid jinħoloq mir-rappreżentant tal-inizjattiva tiegħek.

Passi biex to'loq kont tal-organizzatur:

1. **Jekk għad m'għandekx wieħed, o'loq kont tal-EU Login.** Segwi l-istruzzjonijiet biex to'loq u tikkonfigura kont tal-EU Login u stabbilixxi t-tieni fattur għal awtentikazzjoni b'saħħitha. Il-manwal tal-EU Login hu miktub bl-Ingliż u hu disponibbli bit-23 lingwa uffiċjali tal-UE permezz ta' servizz tat-traduzzjoni awtomatizzata.
2. **Ikkonnettja mal-EU Login biex to'loq il-kont tal-organizzatur** tiegħek biex tkun tista' timla u tissottometti t-talba biex tirreġistra l-inizjattiva tiegħek.

Nota

L-indirizz tal-email li tassoċja mal-kont tal-EU Login tiegħek se jiġi ppubblikat jekk l-inizjattiva tiegħek tiġi rreġistrata. Inkella, tista' ttipprovdi indirizz tal-email ieħor għall-informazzjoni pubblika fil-qasam "indirizz tal-email pubbliku" meta timla t-talba għar-reġistrazzjoni.

Kif timla l-formola tar-re?istrazzjoni

Wara li toħloq il-kont tal-organizzatur tiegħek, tista' timla l-formola ta' reġistrazzjoni għall-inizjattiva tiegħek.

Hemm **ħames komponenti** li jridu jimtlew:

1. Grupp ta' organizzaturi

L-ewwel pass huwa li timla l-informazzjoni meħtieġa għall-grupp ta' organizzaturi, *inklużi* r-rappreżentant u s-sostitut. F'konformità mal-Anness II (il-punti 4 u 5) tar-Regolament (UE) 2019/788, din tinkludi:

- Isem
- Kunjom
- Nazzjonalità
- Data tat-twelid
- Indirizz
- Kodiċi postali
- Belt
- Pajjiż ta' residenza
- Dokumenti li jagħtu prova tal-ismijiet sħaħ, l-indirizzi postali, in-nazzjonalitajiet u d-dati tat-twelid (Jekk jogħġbok innota li kopja skennjata leġġibbli tad-dokument tal-identità tkun biżżejjed)

Għar-rappreżentant u għas-sostitut, hija meħtieġa informazzjoni addizzjonali:

- Numru tat-telefown
- Indirizz tal-email
- Indirizz tal-email pubbliku (għall-pubblikazzjoni fuq is-sit web uffiċjali tal-IĊE)

Din l-informazzjoni tgħin lill-Kummissjoni Ewropea tivverifika li r-rekwiżit li IĊE tiġi organizzata minn seba' ċittadini tal-UE residenti f'seba' Stati Membri differenti huwa ssodisfat. Ftakar, ir-**rappreżentant u s-sostitut tiegħu** jistgħu jkunu fost is-7 membri tal-grupp ta' organizzaturi jew ikunu 2 membri differenti tal-grupp (mhux membri uffiċjali tal-grupp ta' organizzaturi). Huma awtorizzati li jittkellmu u jaġixxu f'isem l-organizzaturi, u jservu bħala l-kollegament ewlieni bejn il-grupp u l-Kummissjoni. Ir-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu l-ġestjoni tas-sottomissjonijiet kollha lill-Kummissjoni, l-aċċess għall-kont tal-organizzatur, u li jirċievu l-korrispondenza uffiċjali kollha.

Jekk ikun hemm membri addizzjonali tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tiegħek imsejħa "Membri Oħra", trid sempliċiment iżżid isimhom u l-prova taċ-ċittadinanza tal-UE.

Fil-każ fejn tkun inħolqot **entità ġuridika**, meta jkun meħtieġ, għandhom jiġu pprovduti dokumenti li juru li:

- Inħolqot entità ġuridika skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE speċifikament biex timmaniġġja inizjattiva partikolari, u
- Ir-rappreżentant tal-grupp ta' organizzaturi jkun uffiċjalment awtorizzat biex jaġixxi f'isem l-entità ġuridika.

Barra minn hekk, tista' tagħżel li taħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD) f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data). Filwaqt li mhuwiex obligatorju fil-każijiet kollha, huwa rrakkomandat li jinħatar UPD. Id-dettalji ta' kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data se jiġu ppubblikati fuq il-paġna web tal-inizjattiva tiegħek, u dan jista' jipprovdi riassigurazzjoni liċ-ċittadini li jkunu qed jikkunsidraw li jfirmaw l-inizjattiva tiegħek.

Nota importanti dwar il-prova ta' residenza

Meta timla l-prova tar-reġistrazzjoni, kun ċert li tipprovdi dokumentazzjoni aġġornata li tikkonferma l-**post ta' residenza attwali** tiegħek (indirizz postali).

Jekk id-dokument tal-identità jew il-passaport tiegħek ma jinkludix indirizz postali jew inġareġ żmien twil ilu, trid tippreżenta wkoll prova oħra, bħal kont ta' utilità reċenti (eż. ilma, elettriku, jew telefown) jew dokument simili. Dokumenti tal-identità aktar antiki ma jistgħux jiġu aċċettati bħala prova ta' residenza attwali, anki jekk jelenkaw indirizz. F'dawn il-każijiet, tista' tkun meħtieġa evidenza addizzjonali, bħal kont ta' utilità reċenti (mhux aktar minn sena), biex tikkonferma l-indirizz attwali tiegħek.

Tfakkira!

Il-grupp ta' organizzaturi hu magħmul minn **7 ċittadini tal-UE li jgħixu f'7 Stati Membri differenti**. Għalhekk, din l-informazzjoni trid timtela għall-membri kollha tal-grupp ta' organizzaturi.

Il-membri kollha tal-grupp ta' organizzaturi *jrid ikollhom biżżejjed età biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew*. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE dan ifisser li jrid ikollok 18-il-sena, ħlief:

- fil-Belġju, fl-Awstrija, fil-Ġermanja u f'Malta, fejn l-età tal-vot hi 16-il sena,
- fil-Greċja, fejn l-età tal-vot hi 17-il sena.

2. Dettalji tal-inizjattiva

Meta tirreġistra l-inizjattiva tiegħek, ikollok bżonn tipprovdi d-dettalji li ġejjin:

Lingwa tal-inizjattiva tiegħek

Speċifika l-lingwa primarja li biha qed tiġi abbozzata l-inizjattiva tiegħek. Ftakar, tista' tissottometti l-inizjattiva tiegħek bi kwalunkwe waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

Il-Kummissjoni se tittraduċi t-titlu, l-oġettiv u l-anness tal-inizjattiva tiegħek bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE wara r-reġistrazzjoni.

Nota: Jekk trid traduzzjonijiet addizzjonali (eż. ta' abbozz ta' att legali), hija r-responsabbiltà tiegħek li tipprovdihom. Ladarba l-inizjattiva tiegħek tiġi rreġistrata mill-Kummissjoni, tista' tissottometti t-traduzzjonijiet lill-Kummissjoni biex iżżidhom fil-paġna tal-inizjattiva uffiċjali tiegħek.

Titlu tal-inizjattiva

It-titlu tiegħek se jkun parti ewlenija mill-marka tal-inizjattiva tiegħek, li tikkomplementa l-identità viżiva tagħha (eż. il-logo). Għalhekk jistħoqqlu kunsiderazzjoni bir-reqqa.

Titlu effettiv jirrifletti l-essenza tal-proposta tiegħek u jappella u jinvolvi liċ-ċittadini. **Titlu konvinċenti jista' jwassal għal bidla radikali fl-attenzjoni u fl-ixprunar tal-appoġġ.**

Suġġerimenti għat-tfassil ta' titlu effettiv

Oħloq verżjoni qasira u verżjoni twila

Titlu qasir huwa ideali għall-media soċjali u l-materjali tal-kampanja, filwaqt li verżjoni itwal tista' tipprovdi ċarezza għal proposti tekniċi jew dettaljati. Il-kisba ta' bilanċ bejn il-qosor u l-informazzjoni ti żgura l-aċċessibbiltà f'diversi pjattaformi. It-titlu tal-inizjattiva ma jridx jaqbeż il-100 karattru (esklużi l-ispazji).

Żgura appell multilingwi

Peress li l-inizjattiva tiegħek se teħtieġ appoġġ f'pajjiżi differenti tal-UE, ikkunsidra kif it-titlu jittraduċi f'lingwi oħra. Titlu konvinċenti li jittraduċi tajjeb fil-lingwi kollha tal-UE huwa essenzjali biex tilħaq kemm jista' jkun nies u għar-reżonazzjoni ma' udjenzi differenti.

Tistenniex sal-aħħar mument biex tiddeċiedi dwar it-titlu

Jekk qed tippjana li tinvolvi lis-sħab fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, ibda d-diskussjonijiet dwar it-titlu kmieni. Dan jiżgura żmien adegwat għal brainstorming, feedback, u bini ta' kunsens, filwaqt li jiġi evitat dewmien fi stadji kritiċi.

Objettivi tal-inizjattiva

Meta tiddekrivi l-objettivi tal-inizjattiva tiegħek, huwa essenzjali li tiddefinixxi l-“att legali tal-Unjoni” speċifiku li tixtieq li tipproponi l-Kummissjoni Ewropea. Biex tiżgura li l-inizjattiva tiegħek tkun effettiva u tissodisfa l-istandards meħtieġa, ikkunsidra dan li ġej:

Qasam ta' politika: il-proposta tiegħek trid taqa' f'qasam ta' politika fejn il-Kummissjoni għandha kompetenza.

Tip ta' att: tista' tipproponi leġiżlazzjoni vinkolanti jew att mhux vinkolanti, bħal Rakkomandazzjoni.

F'din it-taqsimha tal-formola ta' reġistrazzjoni, għandek tiddefinixxi b'mod ċar l-għanijiet ewlenin tal-inizjattiva tiegħek f'mhux aktar minn 1,100 karattru (esklużi l-ispazji).

Eżempji ta' kif ICE oħra fasslu l-objettivi tagħhom

Stop Finning – Stop the trade (Waqqaf it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar - Waqqaf il-kummerċ)

Objettivi

Għalkemm it-tneħħija tal-pinen tal-klieb il-baħar abbord ta' bastimenti tal-UE u fl-ilmijiet tal-UE hija pprojbita u l-klieb il-baħar għandhom jinħattu l-art bil-pinen imwaħħla b'mod naturali, l-UE hija fost l-akbar esportatur ta' pinen tal-klieb il-baħar u ċ-ċentru ewlieni ta' tranżitu għall-kummerċ globali.

L-UE hija attriċi ewlenija fl-isfruttament tal-klieb il-baħar u billi l-ispezzjonijiet fuq il-baħar huma skarsi, il-pinen tal-klieb il-baħar għadhom jinżammu, jiġu ttrasbordati, jew jinħattu l-art illegalment fl-UE.

Aħna nimmiraw li nwaqqfu l-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar fl-UE inklużi l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-tranżitu tal-pinen tal-klieb il-baħar minbarra jekk ikunu mwaħħla b'mod naturali mal-ġisem tal-annimal.

Peress li t-tneħħija tal-pinen tipprevjeni miżuri effettivi ta' konservazzjoni tal-klieb il-baħar, aħna nitolbu li r-Regolament (UE) Nru 605/2013 jiġi estiż ukoll għall-kummerċ tal-pinen tal-klieb il-baħar u għalhekk nitolbu lill-Kummissjoni tiżviluppa regolament ġdid, li jestendi “pinen tal-klieb il-baħar mwaħħla b'mod naturali” għall-kummerċ kollu tal-klieb il-baħar u tar-raj fl-UE.

[Id-dettalji sħaħ tal-inizjattiva huma disponibbli fuq il-paġna web iddedikata tal-Kummissjoni](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2020/000001_mt)(https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2020/000001_mt)

[Tgħalliem aktar dwar kif Stop Finning – Stop the Trade laħqet aktar minn miljun firma](https://citizens-initiative-forum.europa.eu/document/stop-finning-stop-trade_mt)(https://citizens-initiative-forum.europa.eu/document/stop-finning-stop-trade_mt)

Stop Destroying Videogames

Objettivi

Din l-inizjattiva ssejjaħ biex tirrikjedi li l-pubblikaturi li jbigħu jew jilliċenzjaw il-logħob elettroniku lill-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea (jew karatteristiċi u assi relatati mibjugħa għall-videogames li joperaw) iħallu dawk il-videogames fi stat funzjonali (b'mod li jista' jintlagħab).

B'mod speċifiku, l-inizjattiva għandha l-għan li tipprevjeni d-diżattivazzjoni mill-bogħod tal-videogames mill-pubblikaturi, qabel ma jipprovdu mezzi raġonevoli biex jitkompla l-funzjonament ta' dak il-logħob elettroniku mingħajr l-involviment min-naħa tal-pubblikatur.

L-inizjattiva ma tfittixx li tikseb is-sjeda ta' dawn il-videogames, drittijiet intellettuali assoċjati jew drittijiet ta' monetizzazzjoni, u lanqas ma tistenna li l-pubblikatur jipprovdi riżorsi għal-videogame msemija ladarba jwaqqfuha filwaqt li jħalliha fi stat raġonevolment funzjonali (li tista' tintlagħab).

[Id-dettalji sħaħ tal-inizjattiva huma disponibbli fuq il-paġna web iddedikata tal-Kummissjoni](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2024/000007_mt) (https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2024/000007_mt)

Nikkollegaw il-kapitali u n-nies Ewropej kollha permezz ta' network tal-ferroviji ta' veloċità għolja

Objettivi

Nixtiequ nikkollegaw il-kapitali Ewropej kollha permezz ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja. Qed nappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tagħmel proposta għal att legalment vinkolanti li jistabbilixxi network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja kemm jista' jkun malajr. Dan ifisser il-konnessjoni tan-networks ferrovjarji eżistenti ta' veloċità għolja u l-bini ta' linji ferrovjarji ta' veloċità għolja fejn dawn għadhom ma jeżistux.

[Id-dettalji sħaħ tal-inizjattiva huma disponibbli fuq il-paġna web iddedikata tal-Kummissjoni](https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2023/000004_mt) (https://citizens-initiative.europa.eu/initiatives/details/2023/000004_mt)

Dispożizzjonijiet tat-Trattati li tqis rilevanti

Biex jiġi ddeterminat jekk il-proposta tiegħek tistax tiġi sottomessa bħala IĊE:

1. **Żgura li tkun allinjata ma' qasam ta' politika tal-UE** fejn l-Unjoni għandha kompetenza.

2. **Ivverifika li l-Kummissjoni għandha s-setgħa** li tippreżenta proposta għal att legali f'dan il-qasam ta' politika.

X'inhuma l-kompetenzi tal-UE?

Il-kompetenzi tal-UE huma ddefiniti fit-Trattati, partikolarment fl-**Artikoli 2-6 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)**. Dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu l-oqsma fejn l-UE tista' taġixxi u jekk il-Kummissjoni tistax tipproponi leġislazzjoni. Għal ħarsa ġenerali komprensiva, irreferi għall-kompetenzi tal-UE.

Kif tidentifika d-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat għall-proposta tiegħek

Meta tissottometti l-inizjattiva tiegħek għar-reġistrazzjoni:

1. **Identifika l-artikoli tat-Trattat** li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tipproponi atti legali. Dawn huma...

...Artikoli li jirreferu għal **proċedura leġislattiva** (ordinarja jew speċjali) li tipikament jawtorizzaw lill-Kummissjoni sakemm ma jassenjawx dan ir-rwol b'mod espliċitu lil istituzzjoni oħra.

Pereżempju: jekk l-inizjattiva tiegħek titlob att legali fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali, għandek telenka l-Artikolu 192(1) TFUE.

JEW

...Artikoli li jiddikjaraw li l-Kummissjoni hija responsabbli biex tagħmel proposta huma validi wkoll. Pereżempju: *"Il-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni [...]."*

2. **Elenka dawn id-dispożizzjonijiet** fil-formola tar-reġistrazzjoni.

Għal ħarsa ġenerali komprensiva, irreferi għall-oqsma ta' politika u l-artikoli relatati tat-Trattat.

Anke jekk id-dispożizzjonijiet li ssemmi mhumiex korretti, l-inizjattiva tiegħek xorta tista' tiġi rregolata, sakemm:

- Taqa' fil-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tipproponi att legali tal-Unjoni.
- Tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-IĊE.

Nota importanti

Jekk uħud mill-obiettivi tal-inizjattiva tiegħek huma barra mis-setgħat tal-Kummissjoni Ewropea, se tirċievi feedback u tingħata l-opportunità li tirrevedi u terġa' tissottometti l-proposta tiegħek. Jekk tirrifjuta li tirrevedi l-inizjattiva jew li tissottometti verżjoni riveduta li xorta tmur lil hinn mis-setgħat tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tipproċedi b'reġistrazzjoni parzjali. F'każijiet bħal dawn, se jiġu rreġistrati biss dawk il-partijiet tal-inizjattiva li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kummissjoni, u d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru biss għal dawk il-partijiet irreġistrati.

Għal aktar dettalji dwar ir-reġistrazzjoni parzjali, jekk jogħġbok ara l-FAQ.

Suġġerimenti għall-għażla tal-artikoli korretti tat-Trattat għall-inizjattiva tiegħek

Iċċekkja l-artikoli tat-Trattat li jistgħu jintużaw bħala bażi legali valida għall-Kummissjoni biex tipproponi att legali tal-UE

Erga ara bir-reqqa t-test tal-artikoli biex tiżgura r-rilevanza

L-artikoli li jirriferu għal “proċedura leġislattiva” (ordinarja jew speċjali) jistgħu jintużaw għal inizjattiva sakemm l-artikolu ma jsemmix b'mod speċifiku li istituzzjoni oħra li ma tkunx il-Kummissjoni tagħmel il-proposta. Jistgħu jintużaw ukoll artikoli oħra li jsemmu b'mod espliċitu lill-Kummissjoni bħala l-proponent.

Evita li tgħabbi s-sottomissjoni tiegħek b'artikoli mhux meħtieġa

L-elenkar ta' dispożizzjonijiet multipli mhux se jiggarantixxi suċċess.

Tgħallem minn inizjattivi preċedenti

Eżamina kemm l-inizjattivi rreġistrati b'suċċess kif ukoll dawk li għalihom ir-reġistrazzjoni ġiet irrifjutata.

Sit web għall-inizjattiva tiegħek

Sit web iddedikat huwa kruċjali biex taqsam informazzjoni, aġġornamenti u riżorsi dwar l-inizjattiva tiegħek mas-sostenituri. Filwaqt li mhux obligatorju, l-għoti tal-indirizz tas-sit web matul ir-regolazzjoni jista' jagħti spinta lill-viżibbiltà u l-impatt tal-inizjattiva tiegħek.

Għaliex sit web huwa importanti

Sit web imfassal tajjeb jgħin:

- Iċ-ċentralizzazzjoni tal-aġġornamenti u tal-informazzjoni essenzjali
- Il-bini tal-fiduċja u tal-kredibbiltà fost is-sostenituri
- Il-faċilitazzjoni tal-involviment u t-tneġġig tal-azzjoni, bħal li twassal lis-sostenituri biex jiffirmaw l-inizjattiva tiegħek permezz tas-Sistema Ċentrali ta' Ġbir Online

Tgħalliem aktar dwar l-istrateġiji tal-kampanja minn IĊE li rnexxew (https://citizens-initiative-forum.europa.eu/practical-guidance/success-stories_mt)

Anness dwar is-suġġett, l-oġġettivi, u l-isfond (mhux obligatorju)

Tista' tinkludi anness fakultattiv (sa 5,000 karattru). Filwaqt li mhuwiex obligatorju, l-anness huwa maħsub biex jellabora dwar l-oġġettivi tal-inizjattiva, joffri informazzjoni ta' sfond, spjegazzjonijiet dettaljati, jew argumenti ta' sostenn. Importanti li wieħed jinnota li l-anness mhux maħsub biex jintroduċi oġġettivi ġodda lil hinn minn dawk iddikjarati fit-test tal-inizjattiva ewlenija. Ir-rwol tiegħu hu li jappoġġa, mhux jespandi, il-proposta oriġinali.

Il-Kummissjoni tipprovdi traduzzjoni tal-anness bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Diversi inizjattivi reċenti li rnexxew inkludew anness biex jappoġġa l-inizjattiva tagħhom, pereżempju "Fur Free Europe" u "Nippreżervaw il-kożmetiċi li ma jinvolvux krudeltà"

Informazzjoni addizzjonali (fakultattiva)

Tista' ttella' dokument ta' sostenn biex tipprovdi aktar dettalji ta' sfond u ssaħħaħ l-IĊE tiegħek. Hawnhekk afna inizjattivi kienu jinkludu dokument ta' sostenn, inklużi dawk li laħqu miljun firma: "Fur Free Europe", "Stop Vivisection", u "Minority SafePack".

Id-dokument tiegħek jista' jissawwar liberament biex jispjega l-inizjattiva tiegħek f'aktar dettall, inklużi t-test u l-istampi. Dan ma jgħix tradott mill-Kummissjoni, iżda tista' tipprovdi t-traduzzjonijiet tiegħek stess biex jittellgħu fil-paġna web tal-inizjattiva wara r-reġistrazzjoni.

Tfakkira!

Filwaqt li ma hemm l-ebda limitu ta' karattri, id-daqs tal-fajl ma jridx jaqbeż il-5 MB.

Abbozz ta' att legali (mhux obbligatorju)

Tista' tissottometti test legali propost biex jakkumpanja l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej tiegħek. Filwaqt li huwa fakultattiv, dan jista' jkun partikolarment utli għal inizjattivi tekniċi jew iffukati fuq il-leġi żlazzjoni. L-abbozzi tal-atti legali huma inqas komuni iżda ġew inklużi f'inizjattivi tal-passat bħal "Wie ħed Minna", "Good Clothes, Fair Pay (Ħwejjeġ Tajbin, Paġi Ġusti)", u "Projbizzjoni ta' Reklamar u Sponsorizzazzjoni ta' Fjuwil Fossili."

Jekk tissottometti abbozz tal-att legali, dan ma jgħix tradott mill-Kummissjoni, iżda tista' tipprovdi t-traduzzjonijiet tiegħek stess biex jittellgħu fil-paġna web tal-inizjattiva wara r-reġistrazzjoni.

Nota importanti dwar it-traduzzjonijiet

Jekk jogħġbok kun af li l-Kummissjoni Ewropea ma tipprovdi traduzzjonijiet tal-informazzjoni addizzjonali dwar l-inizjattiva tiegħek jew tal-abbozz tal-att legali jekk dan ikun inkluż. L-iżgurar ta' traduzzjonijiet preċiżi bil-lingwi meħtieġa huwa r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi.

3. Appo?? u finanzjament

Iddikkjara s-sorsi kollha ta' finanzjament li jaqbżu l-EUR 500 għal kull sponsor biex tiġi żgurata t-trasparenza, kif meħtieġ mir-Regolament dwar l-IĊE. Din l-informazzjoni se tiġi ppubblikata fuq is-sit web uffiċjali tal-IĊE. Huwa rrakkomandat ukoll li tippubblika din l-informazzjoni fuq is-sit web tal-kampanja tiegħek.

Se jkollok ukoll tipprovdi informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet li jassistuk fuq bażi volontarja, anke jekk tali appoġġ ma jistax jiġi kkwantifikat ekonomikament.

Tgħalllem aktar billi taqra n-Nota ta' Gwida għar-Rappurtar Finanzjarju tagħna (https://citizens-initiative-forum.europa.eu/document/how-report-financial-support_mt)

4. Proġeduri u kundizzjonijiet

Bħala parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni, se jkollok bżonn taċċetta l-politika ta' privatezza u tispeċ ifika l-lingwa primarja li biha tippreferi tikkomunika.

5. Riequżi u sottomissjoni

Qabel ma timla r-reġistrazzjoni tiegħek, se tintalab tirrieżamina d-dettalji kollha bir-reqqa. Ladarba kollox jiġi kkonfermat, ikklikkja fuq **Talba għal Reġistrazzjoni**, u tkun lest! Wara s-sottomissjoni, stenna d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar it-talba tiegħek għar-reġistrazzjoni.

Tfakkira!

Iċċekkja bir-reqqa l-ortografija tal-ismijiet, it-titli u l-oġġettivi kollha qabel ma tissottometti t-talba tiegħek għar-reġistrazzjoni. Ladarba jiġu sottomessi, mhux se tkun tista' teditjahom.

Skeda ta' ?mien wara s-sottomissjoni tal-inizjattiva g?ar-re?istrazzjoni

Wara li tissottometti l-inizjattiva tiegħek għar-reġistrazzjoni, il-Kummissjoni tinfurmak fi żmien **xahrejn** jekk tkunx ġiet irreġistrata uffiċjalment.

Jekk l-inizjattiva tiegħek tissodisfa r-rekwiżiti kollha, **iżda** hi (jew parti minnha) ma tkunx f'qasam fejn il-Kummissjoni għandha s-setgħat, tirċievi twegħiba mill-Kummissjoni fi żmien xahar minn meta tippreżentaha għar-reġistrazzjoni. Il-Kummissjoni se tagħtik xahrejn biex tirrevedi l-inizjattiva tiegħek u terġa' tissottomettiha għar-reġistrazzjoni. Għandek ukoll l-għażla li tibgħat l-istess talba għar-reġistrazzjoni jew li tirtira l-inizjattiva tiegħek. Wara s-sottomissjoni mill-ġdid, il-Kummissjoni se tieħu deċiżjoni finali fi żmien xahar.

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li:

- tirreġistra l-inizjattiva fil-verżjoni sħiħha tagħha;
- tirreġistra l-inizjattiva parzjalment;
- tirrifjuta li tirreġistra l-inizjattiva.

Dan il-proċess kollu jista' jieħu sa **4 xhur**.

Te?tie? appo?? addizzjonali?

It-tnejn bir-reqqa tal-elementi kollha żżid il-possibbiltajiet tiegħek ta' reġistrazzjoni b'suċċess u tgħin biex tattira appoġġ usa' għall-inizjattiva tiegħek. Jekk l-inizjattiva tiegħek tiġbor mill-inqas miljun firma valida, il-Kummissjoni tibda l-fażi ta' eżaminazzjoni, filwaqt li tqis il-kontenut kollu rreġistrat minn qabel, inklużi l-annessi, l-informazzjoni addizzjonali, u l-abbozzi ta' atti legali.

Importanti: ma tista' żżid ebda dettall wara r-reġistrazzjoni, għalhekk inkludi dak kollu li tixtieq li l-Kummissjoni tikkunsidra matul din il-fażi.

Għal aktar informazzjoni, żur [l-FAQ iddedikati tal-Kummissjoni](#).

Għandek bżonn parir espert dwar l-idea tiegħek?

Staqsij lill-esperti tagħna jekk għandek xi dubji dwar l-inizjattiva tiegħek! (https://citizens-initiative-forum.europa.eu/ask-expert_mt)

Mistoqsijiet Frekwenti

Nistgħu nagħmlu tibdiliet fil-grupp?

IVA.

Jekk tiddeċiedi li twettqu tibdiliet fil-grupp, ir-rappreżentant jew is-sostitut irid jinnotifika lill-Kummissjoni permezz tal-kont tal-organizzatur tiegħek.

Jekk it-tibdiliet jaffettwaw ir-rekwiżit li jkun hemm għadd minimu ta' membri tal-grupp minn seba' pajjiżi differenti, tridu **tipprovdu d-dokumenti meħtieġa** biex tikkonfermaw li l-grupp tagħkom għadu jissodisfa l-kriterji għan-nazzjonalità, l-età u r-residenza.

Barra minn hekk, tridu **taġġornaw il-formoli tad-dikjarazzjoni ta' appoġġ** biex jirriflettaw dawn it-tibdiliet.

L-ismijiet tal-membri l-ġodda tal-grupp se jintwerew fir-reġistru online, filwaqt li l-ismijiet tal-ex membri se jibqgħu viżibbli matul il-proċedura. Dan jiżgura li l-awtoritajiet rilevanti jkunu jistgħu jivverifikaw il-validità tal-firem miġbura u sottomessi.

Nista' nieħu sehem f'inizjattivi differenti bħala organizzatur?

IVA.

Ma hemm l-ebda restrizzjoni fuq in-numru ta' inizjattivi li tista' tkun parti minnhom.

Jista' MEP jissieħeb ma' grupp ta' organizzaturi?

IVA.

Iżda huma ma jitqisux li jagħmlu parti min-numru minimu ta' persuni li jgħixu f'7 pajjiżi differenti tal-UE u ma jistgħux jagħmlu parti minn din il-lista meta tissottometti t-talba tar-reġistrazzjoni tiegħek.

Je ħtiegħi nkun irreġistrat biex nivvota biex inkun nista' nissieħeb fi grupp ta' organizzaturi?

LE.

Je ħtiegħlek biss li jkollok biżżejjed età biex tivvota fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew sabiex tkun parti mill-grupp ta' organizzaturi.

Bħala organizzaturi, tistgħu tappellaw dwar deċiżjoni li ma tkunx irreġistrata l-inizjattiva tagħkom (jew li tiġi irreġistrata parzjalment biss)?

IVA.

Id-deċiżjoni li ma tiġix irreġistrata inizjattiva hija bbażata fuq raġunijiet legali, li jfisser li tistgħu tikkontestawha. Il-Kummissjoni se tistabbilixxi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha u se tispjega liema att legali jew rimedji legali barra l-qorti huma disponibbli għalikom.

Dan jinkludi t-tressiq ta' proċedimenti quddiem il-**Qorti tal-Ġustizzja tal-UE** jew it-tressiq ta' lment mal-**Ombudsman Ewropew** (biex tilmentaw dwar amministrazzjoni ħażina).

Bħala organizzaturi, nistgħu nirtiraw inizjattiva meta tkun ġiet irreġistrata?

IVA.

Tistgħu tirtiraw inizjattiva **fi kwalunkwe ħin qabel ma tissottomettu uffiċjalment l-inizjattiva tagħkom bil-firem ivverifikati kollha lill-Kummissjoni** (jiġifieri wara li tkunu ġbartu l-firem kollha tagħkom u wara li tkunu ċċertifikajthom).

Meta tirtiraw inizjattiva, ma tistgħux tifthuha mill-ġdid, u l-firem kollha jsiru nulli u bla effett.

Iżda xorta se tkunu tisgħtu tarawha, fl-inizjattivi arkivjati.

Xi tfisser reġistrazzjoni parzjali ta' inizjattiva?

Inizjattiva tiġi **reġistrata parzjalment** jekk xi wħud mill-oġettivi tagħha jaqgħu barra mill-awtorità tal-Kummissjoni li tipproponi leġiżlazzjoni tal-UE.

F'każijiet bħal dawn, id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jistgħu jinġabru biss għall-partijiet irreġistrati tal-inizjattiva. Jekk l-inizjattiva tiġbor mill-inqas miljun firma u tiġi sottomessa lill-Kummissjoni, jiġu eżaminati biss it-taqsimiet irreġistrati.

Għal aktar informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni parzjali, aqra t-taqsimi tal-FAQ fuq is-sit web tal-IĊE.